MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 1534/2003

**APS Bank Limited**

**Vs**

**Carmelo Galea u martu Agnes Galea**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-Bank attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm291.28c (mitejn u wiehed u disghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu) rappresentanti kwantu ghas-somma ta' Lm280.39c (mitejn u tmenin lira Maltin u disgha u tletin centezmu) bhala bilanc ta' debitu ta' kont kurrenti numru 12690130017 u kwantu ghas-somma ta' Lm10.89c (ghaxar liri Maltin u disgha u tmenin centezmu) bhala bilanc ta' debitu ta' kont kurrenti numru 20000078806.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-

terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-Nota ta’ Riduzzjoni ppresentata fit-3 ta’ Frar, 2004 li permezz taghha l-Bank attrici rriduciet it-talba ghal Lm241.28c (mitejn u wiehed u erbghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu)

Ra l-Kapitolu li gie ppresentat mill-Bank attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-Bank attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ Lm241.28c (mitejn u wiehed u erbghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu), bl-imghax kif mitlub mit-30 ta’ Gunju, 2003. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------